# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 44

### Novembru 2009

**Fiċ-Ċentru mhux** 

**permess tipjip**

**Mill-Editur**

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Novembru 2009 li hija l-44 ħarġa ta' din is-sensiela.

Membri tal-**MARL** fi tmiem il-ġimgħa 17-18 ta' Ottubru ħadu sehem fil-**Ġamboree** ta' l-**iScouts** minn numru ta' postijiet f'Malta. Dettalji u xi ritratti ssibuhom f'dan il-fuljett. Inħeġġu lil kull min ikun jista' jarma stazzjoni kull meta jkun hemm il-**Ġamboree** ħalli niġbdu aktar nies lejn id-delizzju tagħna.

Wieħed jista' wkoll ikellem lill-Kunsill Lokali ta' fejn ikun joqgħod biex jekk ikun hemm xi attivitajiet organizzati mill-Kunsill, u ħafna Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet marbuta mal-post tagħhom, kemm personalment kif ukoll il-**MARL** ikunu jistgħu jieħdu sehem kif ħadna sehem fil-Jum Militari li kien organizzat mill-Kunsill Lokali ta' l-Imtarfa.

Bħas-soltu għandkom ftit ħoloq tal-paġna ta' l-internet li huma tassew interessanti dwar Ċentri li jistudjaw l-attivita' ġeomanjetika u ġeofiżika tad-dinja, fosthom it-terremoti fir-reġjun tal-Mediterran fejn jagħmlu ħafna terrimoti għalkemm ma nħossuhomx jew ma nagħtux kas tagħhom.

Għal dawk li huma dilettanti li jaħdmu b'saħħa ta' trasmettitur żgħira, jiġifieri tal-**QRP** hemm ukoll ftit ħoloq ta' l-internet li m'għandix dubju sejrin jinteressawhom.

Għal dawk li jħobbu jissemmgħu fuq frekwenzi baxxi ħafna għandkom informazzjoni dwar l-istazzjoni **SAQ** li huwa dikjarat wirt dinji għaliex huwa l-uniku stazzjoni fid-dinja li juża alternatur **Alexanderson**.

Dan jitħaddem fi ġranet speċjali u se jerġa' jitħaddem **fl-24 ta' Diċembru lejliet il-Milied fit-08.00 UTĊ.** Infakkarkom li l-frekwenza ta' dan l-istazzjoni hija **17.2kHz** u wieħed jista' jsib programme tal-kompjuter u jista' jagħmel riċevitur **SDR** biex jissemma fuq din il-frekwenza u frekwenzi baxxi oħra.

Tinsewx li għal dawn l-okkażjonijiet dan l-istazzjoni jibgħat kartolina **QSL** lil dawk li jibgħatu rapport u għalhekk dawk kollha li jħobbu jġemmgħu dawn il-kartolini m'għandhomx jitilfu din l-okkażjoni. Fl-istess hin ikunu jafu kif dan l-istazzjoni jinstema' fuq dawn il-frekwenzi baxxi u kemm huma kapaċi li jirċevuh.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l'e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Taħbil il-moħħ

Raġel ingħata żewġ niċeċ li kienu ta' l-istess tul u qalulu li t-tnejn jinħarqu f'żewġ minuti imma mhux b'mod linjari. Qalulu biex jaħraqhom b'tali mod li t-tnejn jinħarqu **f'1.5 minuti**. Kif għamilha?

Ftakru li huma ma kinux jinħarqu b'mod linjari, jiġifieri, waħda tista' tinħaraq terz minnha f'minuta u l-oħra tista' tinħaraq biss kwart jew tliet kwarti f'minuta.

**Niċċa 1** **Niċċa 2**

It-tweġiba hija sempliċi. Ma jimpurtax li huma ma jinħarqux b'mod linjari jew li waħda tinħaraq għal terz tat-tul tagħha u l-oħra tista' tinħaraq għal nofs jew tliet kwarti tat-tul tagħha.

Li għamel huwa kien li ġannathom it-tnejn flimkien fin-nofs u xehel in-niċeċ miż-żewġ trufijiet. Wara eżatt minuta huwa xehel iż-żewġ niċeċ miċ-ċentru fejn kien ġannathom, biex b'hekk kull niċċa ħarqet it-tul li kien baqa' f'nofs il-ħin li kienet tieħu kieku baqgħet tinħaraq minn tarf wieħed biss. Ghalhekk, kull niċċa ħadet eżatt 1.5 minuti biex tiħaraq u t-tnejn inħarqu f'1.5 minuta.

Radd il-ħajr lil **Dominic 9H1M.**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## 9H1M Dominic

Għadni qed nistenna r-ritratti u d-dettalji eżatti mingħand il-grupp ta' **Dominic** li waqqfu tul dinji ġdid billi għamlu kuntatti permess tat-Televiżjoni bejn **Malta** u **Korfu** fuq tul ta' **620 kilometru**.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Stazzjonijiet tal-Ġamboree ta' l-iScouts

### Qawra

Wieħed mill-istazzjonijiet tar-radju li waqqfu d-dilettanti tar-radju kien flimkien mal-grupp ta' l-iScouts tal-**Qawra**. Dan il-grupp fih madwar **85** Scout waqt li madwar **30** kienu preżenti waqt il-**Ġamboree**.

In-nominattive użat kien **9H9QSG** u l-operaturi kienu **Chris 9H1BW** u **Robin 9H1ZZ**. Kienu wkoll preżenti **George 9H1AA** u **Joe 9H1VW**.

**L-apparat li użaw kien**

| | |
|---|---|
| **HF** | **FT757GX 100Watts** |
| **VHF/UHF** | **FT8900 50Watts** |
| **Antenni HF** | **TH3 MKIV 3 element tri-band Yagi** |
| | **Windom** |
| **VHF/UHF** | **GP** |

Din kienet l-ewwel darba li l-grupp ta' l-iScouts tal-**Qawra** ħadu sehem fil-**Ġambori** fuq l-arja għaliex is-soltu jieħdu sehem fil-**Ġambori** fuq l-internet u nittamaw li jkomplu jagħmlu hekk kull sena.

Ġimgħa qabel il-**Ġambori, Chris 9H1BW** mar għal-laqgħa ma' l-iScouts fejn fissrilhom id-delizzju tagħna, kif isiru l-kuntatti, eċċ. Tqassmu wkoll noti u kull Scout kellu miktuba informazzjoni li setgħet tintuża matul il-kuntatti li huma jagħmlu.




Logbook elettroniku ippreparat mill-iScouts **Olandiżi** kien użat matul il-**Ġambori** kif ukoll kartolina li ġiet iddisinjata mill-iScouts infushom u li ġiet stampata għall-okkażjoni.

Il-frekwenzi li ntużaw kienu l-aktar fuq l-**40**, **20** u **15**-il metru minħabba l-propagazzjoni waqt li l-aħjar kuntatt kien ma **Khartoum** fis-**Sudan**. Intużaw ukoll l-ekolink, kemm fuq il-**VĦF** u l-**UĦF** għal kuntatti kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta

Il-kuntatti lokali għenu lill-iScouts jifhmu kif isiru l-kuntatti mingħajr interferenza kif ukoll minghajr diffikulta' ta' l-ilsien, waqt li kuntatti saru wkoll ma stazzjonijiet mir-**Renju Magħqud**, l-**Olanda** u **Tajwan**.

L-iScouts kollha wrew interess u ħadu sehem fil-kuntatti u talbu biex is-sena d-dieħla jerġgħu jieħdu sehem ukoll fil-**Ġambori** fuq l-arja barra minn fuq l-internet. Dan jawgura tajjeb għad-delizzju tagħna u radd il-ħajr għandu jmur lejn **Chris 9H1BW** u **Robin 9H1ZZ** li qajjmu l-interess għad-delizzju tagħna fl-iScouts tal-**Qawra**.

## **Mellieħa**

Il-grupp ta' l-Iscouts tal-**Mellieħa** ħadu sehem ukoll fil-**Ġambori** permezz tan-nominattiv **9H9MSG** li kien imħaddem minn **Steven 9H1SF** u **Joe 9H1AJ**





9H9MSG
MELLIEHA SCOUTS
GROUP.


9H9MSG


9H9MSG
MELLIEHA SCOUTS GROUP


9H9MSG
MELLIEHA SCOUTS GROUP


9H9MSG

Kien hemm ukoll gruppi ta' Scouts oħra li ħadu sehem f'dan il-**Ġamboree** li m'għandix ritratti tagħhom.

Nittamaw li fis-snin li ġejjin ikun hemm aktar dilettanti tar-radju li jħajjru aktar Scouts jaqbdu dan id-delizju tar-radju tagħna.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Kondoljanzi



F'ismi personalment u f'isem il-**MARL** nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil familja ta' **Frits van Rossum – PAØBEA – 9H3IE** u lil sħabu li jiġu kull sena jaħdmu minn Malta li miet fit-28 ta' Settembru ftit jiem wara li mar lura minn Malta u ningħaqdu fin-niket tagħhom.

Aħbar oħra ta' niket tiġi mill-Amerika fejn erba' dilettanti tar-radju li kienu sejrin biex jieħdu sehem f'DX-spedizzjoni tilfu ħajjithom meta l-ajruplan b'żewġ magni li kien qiegħed jinstaq minn wieħed minnhom waqa' hekk kif kien tiela mill-ajruport.

L-ajruplan kien ta' **Peter Radding, W2GJ (**69sena) u kien qiegħed jinstaq minnu, waqt li t-tlieta l-oħra kienu **Ed Steeble, K3IXD (**68 sena)**, Dallas Carter, W3PP (**67 sena), u **Randy Hargenrader, K4QO** (55 sena).

Dan ifakkarna fis-sagrifiċċju li jagħmlu dawk li jmorru DX-pedizzjoni biex aħna nkunu nistgħu ngħidu li tkellimna ma pajjiż ġdid. Nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familji tagħhom.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## SumbandilaSat

Fl-aħħar ħarġa tal-fuljett semmejt is-satellita SumbandilaSat li saret mill-Afrika tan-Nofsinhar u li ttellgħet fl-orbitu min **Baikonur** fil-**Kazakstan.** Din is-satellits ġiet ippruvata u qed taħdem tajjeb u issa hija magħrufa bħala **SumbandilaSat-OSCAR 67** jew sempliciment **Oscar 67**.

Meta tiġi kkummissjonata kollha u jibda jitħaddem ir-ripetitur se jkun jista' jintuża mid-dilettanti tar-radju fejn infakkar li l-frekwenzi huma: lejn is-satelita hija **145.880 MHz** waqt li dik mis-satellita lura lejn id-dinja hija **435.350 MHz**. Għandha wkoll fanal tar-radju bil-leħen fuq **435.300 MHz**.

Infakkar li l-mod ta' kif ikun ikkontrollat ir-ripetitur huwa permezz ta' **CTCSS** li l-frekwenzi tagħhom jitħabbru aktar tard. Kif ikolli aktar informazzjoni ninfurmakom.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## It-Trasmettitur ta' Alexanderson fuq 17.2 kHz

Ktibt drabi oħra dwar it-trasmettitur ta' Alexanderson li jaħdem permezz ta' alternatur fuq il-frekwenza ta' **17.2 kHz** bin-nominattiv **SAQ** u li jinsab fi **Grimeton, fl-Isvezja**. Il-Ħolqa ta' l-internet ta' dan l-istazzjon storiku hija http://www.alexander.n.se/

Dan l-istazzjon huwa l-uniku wieħed li baqa' fid-dinja li juża l-alternatur u jinxtehel kull tant żmien biex jibqa' f'kundizzjoni tajba. Kull meta jittrasmetti jitlob rapporti mingħand min ikun semgħu u anki tintbagħat kartolina **QSL**.

It-trasmissjoni li jmiss se ssir **fl-24 ta' Diċembru lejliet il-Milied fit-08.00 UTĊ**. Għalhekk dawk kollha li jridu jistgħu jisimgħu t-trasmissjoni u jekk huwa possibbli jirrekordjawha u jekk jibgħatu rapport ikunu jistgħu jirċievu kartolina **QSL** minn din l-istazzjon storiku.

Rapporti jistgħu jintbagħtu jew fuq l-indirizz elettroniku **info at alexander.n.se**
jew Fax fuq **+46-340-674195**
jew vija **SM bureau**
jew bil-posta tal-bebbuxu **Alexander - Grimeton Veteranradios Vaenner, Radiostationen, Grimeton 72, S-430 16 ROLFSTORP, SWEDEN**

Min jinzerta jkun l-**Isvezja** u jkun qrib u jkun irid jara dan l-istazzjon, kull nhar ta' Tlieta filgħaxija fis-sajf in-nies jiddawwru ma' l-istazzjon u l-alternatur jinxtehel għalkemm ma jsirux trasmissjonijiet.

## VLF

Interessanti wkoll la qed nitkellmu dwar dawn il-frekwenzi daqstant baxxi li **Frank 9H1BM** qalilna li fit-2 u t-3 ta' Ottubru kien hemm stazzjon fuq frekwenza ta' **24.3 kĦz** fit-8.00 ta' filgħodu bin-nominattiv **RJH69** jibgħat kodiċi Morse b'ħeffa kbira u baqa' sejjer hekk sa xi t-08.30.

Aktar tard, **Frank** bagħat aktar informazzjoni dwar dawn l-istazzjonijiet. **Frank** sab li dak l-istazzjon huwa **RJH69** u **RJH66**. **RJH69** huwa mill-**Belarus**, **Melodecno** u **RJH66** minn **Bishkek** fir-**Russja**. **RJH69** jittrasmetti mis-**0600 – 0630Z** waqt li **RJH66** jittrasmetti bejn id-**0900 – 0930Z**. Il-frekwenza taż-żewġ stazzjonijiet hija l-istess, jiġifieri **24.3 kĦz.**

**Frank** qalilna wkoll li hemm stazzjonijiet li jittrasmettu s-sinjali tal-ħin fuq **16 kĦz** u **60 kĦz** minn **Rugby** fl-**Ingliterra**.

Il-**Ġermanja** wkoll għandhom stazzjonijiet li jittrasmettu s-sinjali tal-ħin fuq il-frekwenzi ta' **74.3 kĦz** u **77.5 kĦz**. Hemm ukoll stazzjon ieħor fuq **65.6 kĦz** li għadu ma ġiex identifikat.

Dan barra li hemm stazjonijiet oħra li jagħtu messaggi msejħa **NAVTEX** u mapep tat-temp li wieħed irid ikollu kompjuter u programme apposta biex jirċevihom.

Fost stazzjonijiet oħra hemm **RDL** minn **Arkangelsk** li jibgħat **OBS** jiġifieri bullettini meteoroloġiċi fuq **19 kĦz**.

Hawn Malta kienu jirċievu dawn il-bullettini fl-istazzjon **9ĦD** mingħand il-vapuri u kienu jgħadduhom lill-**Uffiċċju Meteoroloġiku** ta' **Ħal-Luqa** bl-**RTTY**.

Ikun interessanti ħafna jekk wieħed jipprova jissemma dawn il-frekwenzi baxxi u jibgħatilna informazzjoni ħalli nkunu nistgħu nippubblikawha f'dan il-fuljett. Radd il-ħajr lil **Frank** għal din l-informazzjoni.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR**

## Ħoloq Interessanti

**Prague Institute of Geophysics**
http://www.ig.cas.cz/en/welcome/

**Attivita' Geomanjetika**
http://www.ig.cas.cz/en/structure/observatories/geomagnetic-observatory-budkov/forecast-of-geomagnetic-activity/

**Biex taraw kemm l-Ewropa u l-Mediterran huma invażati bit-terremoti idhlu fuq European-Mediterranean Seismological Centre**
http://www.emsc-csem.org/index.php?page=home

**Earthquake Hazards Program (USA)**
http://earthquake.usgs.gov/eqcenter/recenteqsww/Quakes/quakes_all.html

**Swiss Global List and Waveforms (Madwar id-Dinja)**
http://www.seismo.ethz.ch/redpuma/redpuma_ami_list.html

**Local earthquakes in West Bohemia**
http://rebel.ig.cas.cz/seismo/Webnet/AutLoc/czech/startCZ.html

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Ħoloq QRP

Dawn li ġejjin huma ħoloq ta' l-internet li jinteressaw lil kulħadd, imma speċjalment lil dawk li jħobbu jaħdmu **QRP**. Ħafna minnhom għandhom ħoloq ta' l-internet għal Għaqdiet oħra tal-**QRP**.

**Tgħallem is-ĊW**
http://lcwo.net/

**QRP ARCI (Amateur Radio Club International)**
http://www.qrparci.org/

**Adventure Radio Society**
http://arsqrp.pbworks.com/

**American QRP Club**
http://www.amqrp.org/

**CW Operators' QRP Club Inc. (VK)**
http://www.users.on.net/~zietz/qrp/club.htm

**DL QRP Club (bil-Ġermaniż)**
http://www.dl-qrp-ag.de/projekte/index.html

**EA QRP Club (bl-Ispanjol)**
http://www.eaqrp.com/

**Flying Pigs QRP Club International**
http://www.fpqrp.com/

**G-QRP Club**
http://www.gqrp.com/

**HF Pack**
http://hfpack.com/

**I-QRP Club (bit-Taljan. Għandhom fuljett interessanti bit-Taljan u Ingliż)**
http://www.arimontebelluna.it/

**JA-QRP**
http://www.jaqrp.org/ **Bl-Ingliż** http://en.jaqrp.org/

**North America CW QRP Club**
http://www.arm-tek.net/~yoel/

**OK-QRP Club (għandhom ħafna ħoloq ta' l-internet)**
http://okqrp.fud.cz/

**QRP-Canada**
http://www.qrp-canada.com/wp/

**RU-QRP Club Bir-Russu. Fil-ġenb in-naħa tal-lemin hemm English. Morru fuqha u l-artikli kollha jigu maqluba għall-Ingliz meta tagħfsu fuq il-ħoloq tagħhom.**
http://www.qrp.ru/modules/news/

**Sardinia QRP Club**
http://www.sardiniaqrp.com/

**6000 ħolqa ta' l-internet**
http://www.ac6v.com/

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## L-ewwel ripetitur fuq frekwenzi differenti

Fit-3 ta' Novembru għadu kemm ħareġ permess għal ripetitur fuq żewġ frekwenzi differenti fl-Ingliterra. Dan ir-ripetitur li huwa mħaddem mill-**WesseX Repeater Group** jaħdem fuq l-**10 metri** u fuq is-**6 metri**.

Meta dan ma jkunx qiegħed jintuża bħala ripetitur jintuża bħala fanal tar-radju biex wieħed ikun jista' jqabbel il-propagazzjoni fuq iż-żewġ frekwenzi fl-istess ħin. Iż-żewġ sistemi għandhom l-istess saħħa **ERP** u jużaw l-istess antenna onmnidirezzjonali.

In-nominattiv ta' dan ir-ripetitur huwa **GB3WX** u jagħti l-possibilita' meta l-propagazzjoni tkun tajba li wieħed ikun jista jikkunnettja miegħu.

Aktar dettalji dwar kif se jahdem dan ir-ripetitur wieħed jista' jiksibhom minn fuq il-ħolqa ta' l-internet ta' dan il-grupp li hija http://twxrg.web.googlepages.com/home

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## QRSS

**Stanley 9H1LO** bagħat ittra elettronika lill-grupp tal-**MARL** fejn qal li qiegħed joffri riċevitur **QRSS** fuq it-**30** metru biex jirċievi sinjali **QRSS** u jibgħathom lejn il-paġna ta' l-internet ta' **Stanley** fuq http://www.9h1lo.net/grabber/

Għal dan il-għan min ikollu r-riċevitur irid ikollu kompjuter li jkun mixhul u mqabbad ma' l-internet il-ħin kollu.

Il-kompjuter m'hemmx għalfejn ikun dedikat għal dan ix-xogħol u tkun tista' tużah għal affarijiet oħra, imma jekk m'għandekx kompjuter Stanley jista' jsiblek wieħed.

Jekk m'għandekx antenna **Stanley** jagħtik dipol (bħala fil koassjali tista' tuża **RG58**) u wkoll jistalla l-programm speċjali fuq il-kompjuter tiegħek.

Minħabba li huwa qiegħed iħaddem fanal tar-radju **QRSS** ma jistax jagħmel ukoll riċevitur fuq l-istess frekwenza u għalhekk qiegħed jagħmel din l-offerta.

Dawn il-ħoloq huma mibgħuta minn **Stanley** għal min irid aktar informazzjoni fuq **QRSS**

http://www.qrss.thersgb.net/Receiving-QRSS.html
http://www.w0ch.net/qrss/qrss.htm
http://www.ussc.com/~turner/qrss1.html
www.9h1lo.net

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## 500 kHz

Għal dawk li jħobbu jissemmgħu fuq il-**500 kHz** illum għandna aħbar tajba. Il-**Kanada** ħarġet żewġ liċenzji għal frekwenzi bejn **504 kHz** sa **509 kHz**.

Dawn il-liċenzji inħarġu lil **VE1ZZ** li ingħata nominattiv **VX9PSO** biex jużah fuq din il-frekwenza u l-oħra lil **VO1NA** li ingħata in-nominattiv **VX9MRC**.

**VO1NA** diġa' tkellem ma **Finbar EI0CF** fuq din il-frekwenza fil-25 ta' Ottubru fejn **Finbar** anki naqqas is-saħħa tat-trasmettitur għal **35 Watt** fi QSO minnhom.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li dawn huma żewġ dilettanti kbar li diġa' kienu l-ewwel dilettanti tar-radju mill-**Kanada** li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-frekwenza ta' **136 kHz**.

Barra minn hekk, it-trasmissjoni ta' **Gus SM6BHZ** fuq din il-frekwenza instemghet ukoll minn **Laurence KL1X** li jinsab qrib il-bajja **Tianjin Bohai** fiċ-**Ċina**.

Nixtiequ nafu meta' l-awtoritajiet Maltin se jiddeċiedu li jiddeċiedu huma u ma joqgħodux jistennew li jkun hemm deċiżjoni mill-**ITU** qabel jagħtuna wkoll din il-frekwenza kif ingħatat lil dilettanti oħra minn numru ta' pajjiżi madwar id-dinja.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## 70MHz

Aħbar interessanti fuq din il-frekwenza hija li mill-5 ta' Novembru id-dilettanti tar-radju fin-**Norveġja** http://www.lovdata.no/ltavd1/filer/sf-20091105-1340.html ingħataw l-użu tal-frekwenza tas-**70 MĦz** jew kif inhija magħrufa wkoll bħala l-4 metri.

Din tinkludi mhux biss in-**Norveġja** nfisha imma wkoll **Svalbard**, il-**Gżejjer Bear**, **Jan Mayen**, **Bouvet**, **Peter I** and l-artijiet **Norveġiżi** fl-**Antarktika**.

Id-dilettanti tar-radju **Finlandiżi** wkoll ingħataw permess li jużaw din il-frekwenza mill-4 ta' Novembru.

Informazzjon miġbura minn fuq http://www.70mhz.org/index.php?categoryid=1

Hawn Malta bħal dejjem għadna nistennew u forsi ningħataw permess nużawha meta jiġi d-dubbien l-abjad.

Din l-informazzjoni hija dwar is-sena **1957/58** li kienet iddikjarat bħala s-sena ġeofiżika fejn dilettanti tar-radju ingħataw frekwenzi biex jesperimentaw bejn il-**50 MĦz** u s-**72 MĦz**.

Hawnhekk għandkom il-lista ta' pajjiżi u frekwenzi li d-dilettanti tar-radju kienu ingħataw. Tajjeb li nfakkru li s-sena l-oħra id-dilettanti tar-radju Ingliżi għalqu 50 sena li ilhom li ingħataw l-użu ta' din il-frekwenza tas-**70 MĦz**.

| | |
|---|---|
| **Irlanda :** | **70.575 -70.775 MĦz** |
| **Franza:** | **72.0 -72.8 MĦz** |
| **Finlandja:** | **70.2 -70.3 MĦz** |
| **Germanja:** | **70.3 -70.4 MĦz** |
| **Ingliterra:** | **70.2 -70.4 MĦz, 50 W, A1, A2, A3** |
| **L-Olanda:** | **70.3 -70.4 MĦz** |
| **Norveġja:** | **50.0 – 54.0 MĦz, A1, A2, A3, F3** |
| **Norveġja:** | **70.6 -72.0 MĦz, A1, A2, A3, F3** |
| **Svezja:** | **50.0 – 50.5 MĦz, 150 W** |
| **Jugoslavja:** | **72.0 -72.8 MĦz** |

Din l-informazzjoni kienet dehret fil-Fuljett tad-dilettanti tar-radju **Daniżi**. L-Ingliterra għalihom tfisser ir-**Renju Magħqud** kollu. Kien hemm ukoll nota li tgħid li l-pajjiżi Skandinavi barra d-Danimarka kienu għadhom qed jinnegozjaw u aktar informazzjoni kienet se tingħata aktar tard.

Għaxar liċenzji speċjali kienu nħarġu wkoll fl-**Awstrija** għal din il-frekwenza **OE6AP (SK)** fejn kien għamel l-ewwel kuntatt mal-**Jugoslavja YU3** għalkemm id-dettalji dwar id-data u min kien eżatt id-dilettant tar-radju **Jugoslav** m'humiex magħrufa.

**OE2JG/P** kien għamel kuntatt mal-**Ġermanja** ma **DL1EI** fl-**1957**, waqt li kien hemm ukoll fanal tar-radju **OE7IGY** li kien imħaddem minn **OE7AR (SK).**

Kif tistgħu taraw l-awtoritajiet ta' pajjiżi oħra jaraw kif jagħmlu u jdaħħlu lid-dilettanti tar-radju fl-esperimenti teknoloġiċi, imma Malta dejjem joqogħdu lura.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR**

# Attivitajiet tal-MARL

## Eżami

Il-Malta Amateur Radio League se żżomm l-eżamijiet fiċ-Ċentru tagħha fi Triq Notabile Ħ'Attard, nhar is-Sibt 21 ta' Novembru.

L-eżami jikkonsisti minn żewġ partijiet: Bil-kitba (mid-9.00 a.m. sal-11.15 a.m.) u (Prattika) Kodiċi Morse (minn-12.00 sas-1.00 p.m.). Għandkom tkunu tafu li jekk il-kandidati jispiċċaw l-eżami bil-kitba qabel mill-ħin allokat, l-Eżami ta' Morse jista' jibda qabel il-ħin avżat u għalhekk jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu xi ftit kmieni.

Applikazzjonijiet kellhom isiru sal-Ħadd 8 ta' Novembru.

Għal aktar informazzjoni ċemplu lis-segretarju fuq 79437808, jew posta elettronika lil: Exam Info ivan.privitera at gmail.com jew personalment fiċ-Ċentru tal-MARL nhar ta' Tlieta u l-Ħamis mis-6 sat-8 p.m. u l-Ħdud mill-10.00 a.m. sa. Nofs in-Nhar.

## Kors Ġdid

Infakkru lil kulħadd li kors ġdid li jwassal għall-eżamijiet biex wieħed jikseb il-liċenzja ta' dilettant tar-radju beda fiċ-Ċentru tal-MARL u jinżamm kull nhar ta' Ħadd.

## Ħlas tas-Sħubija

Infakkrukom li issa li x-xahar id-dieħel inkunu wasalna għall-aħħar xahar tas-sena wasal iż-żmien li wieħed iħallas is-sħubija tiegħu biex jibqa' membru fil-MARL. Il-kaxxier dejjem lest biex jilqa' l-ħlas tas-sħubija tagħkom kull meta ċ-Ċentru tal-MARL ikun miftuħ jew jekk ma tistgħux tiġu tistgħu tħallsu b'ċekk lill-MARL.

## Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Tinsewx li jista' jkollna attivitajiet u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet.

Għalhekk ħudu ħsieb li jekk m'inthomx fil-grupp tfittxu tidħlu ħalli ma titilfux xi attivita' li nkunu sejrin norganizzaw. Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9Ħ1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp

Lawrence
9Ħ1AV/9Ħ9MĦR